# Il-Ġgant u l-Iskarpan

## Rakkont għall-Ħames sena tal-Primarja

Darba kien hemm skarpan li kien dejjem jiġġerra minn raħal għal ieħor, isewwi ż-żraben tan-nies. Għodwa waħda fettillu għadda minn ġol-bosk biex iqassar it-triq u f'salt wieħed jiltaqa' ma' ġgant.

"Bonġu ferħ ta' bniedem," qallu l-ġgant. "Tgħidx kemm ili nistenna wieħed bħalek. Ersaq lil hawn ħalli nieklok!"

"Mhux hekk," wieġbu r-raġel, "l-ewwel nagħmlu logħba bejnietna u naraw min l-aktar joħroġ ta' raġel."

"Tajjeb," qallu l-ġgant. "Inti x'taf tagħmel?"

"Ibda int," wieġbu r-raġel, "u tara kif kull ma taf tagħmel inti, jiena naf nagħmlu aħjar minnek."

Il-ġgant infexx jidħak kemm jiflaħ.

"Issa naraw!" qallu. Il-ġgant ġabar ġebla mill-art, għafasha f'idejh u għamilha trab.

Ir-raġel bil-moħbi daħħal idu fil-basket, ħareġ ġbejna friska u għamel tabirruħu qed jiġbor ġebla mill-art. Għafas il-ġbejna f'idejh u minnha beda jqattar l-ilma.

Il-ġgant berraq għajnejh.

"Dan donnu jiflaħ aktar minni," qal bejnu u bejn ruħu. Imma ma qatax qalbu.

Il-ġgant refa' ġebla oħra mill-art, beda jdawwarha f'idu u xeħitha 'l bogħod b'kemm saħħa kellu.

"Ara għandekx ħila tixħitha 'l bogħod aktar minni," qallu l-ġgant.

Ir-raġel ħareġ żbandola mill-but, poġġa ġebla fiha, beda jdawwarha b'saħħtu kollha u l-ġebla taret sparata 'l fuq. U sparixxiet.

Il-ġgant baqa' ċċassat u beda jħokk rasu.

"Imma din żgur ma tagħmilhiex," qallu l-ġgant wara ftit, u mal-kelma qabad l-akbar siġra li kien hemm fil-bosk u qalagħha bl-għeruq b'kollox.

Ir-raġel beda jitbissem. Fetaħ il-basket, ħareġ minnu ħabel kbir u beda jorbtu minn siġra għall-oħra.

"X'se tagħmel?" staqsieh il-ġgant.

"Se naqla' l-bosk kollu!" wieġbu r-raġel.

“Le, le jaħasra ... ara ma tagħmilx hekk!” beda jgħajjat il-ġgant. “Inkella ma jkollix fejn noqgħod.”
U telaq iħaffef lejn il-qalba tal-bosk. Meta l-ġgant mar id-dar, qal b’kollox lil ommu.
“Oqgħod attent minn dak il-ferħ ta’ bniedem,” qaltlu ommu, “għax dak moħħu jilħaqlu u għad jeqirdek.”
Il-ġgant baqa’ jaħseb fuq dak li qaltlu ommu. Qal f’qalbu: “Mela jaqbel neqred lilu jiena, qabel ma huwa jeqred lili!”
L-għada l-ġgant u l-iskarpan reġgħu ltaqgħu.
“L-għodwa t-tajba ja ferħ ta’ bniedem,” qallu l-ġgant.
“L-għodwa t-tajba,” wieġbu l-iskarpan.
“Taf x’nixtieq mingħandek?...” beda jgħidlu l-ġgant. “Nixtieqek turini fejn torqod.”
“Bil-qalb kollha,” wieġbu l-iskarpan. “Imxi warajja.”
L-iskarpan mexxa lill-ġgant lejn it-tarf tal-bosk u wara ftit urieh girna f’nofs ta’ għalqa.
“Hemmhekk norqod jien,” qallu l-iskarpan, “ġo dik il-girna!”
“Kollox sew, kompla l-ġgant. “L-għodwa t-tajba!” U l-ġgant telaq għal xogħlu.
Imma dak il-lejl, l-iskarpan ma daħalx jorqod fil-girna tiegħu. Tela’ ma’ siġra kbira u raqad moħbi fil-weraq u z-zkuk tagħha. F’nofs ta’ lejl instemgħu resqin passi tqal u goffi.
Fid-dawl ta’ qamar, l-iskarpan lemaħ lill-ġgant ġej iġorr blata kbira fuq rasu. Il-ġgant kompla riesaq lejn il-girna u hekk kif wasal ħdejha xeħet il-blata b’saħħtu kollha fuq is-saqaf tal-girna. Dik id-daqsxejn ta’ dwejra ġġarrfet u saret frak. Il-ġgant ħaseb li b’hekk kien irnexxielu jeħles mill-iskarpan.
Għalhekk tistgħu taħsbu kif baqa’ skantat meta l-għada filgħodu, il-ġgant reġa’ ltaqa’ mal-iskarpan qawwi u sħiħ.
“Bonġu sur ġgant,” qallu l-iskarpan bi tbissima kbira.
“Kif jista’ jkun?” wieġbu l-ġgant b’għajnejh imberrqin. “Inti kif għadek hawn? Dal-lejl ma ħassejt xejn meta kont rieqed fil-girna?”
“Iva,” kompla jitbissem l-iskarpan. “Ħassejt qisu ftit ġir jaqa’ fuq wiċċi!”
Il-ġgant ma riedx jemmen lil widnejh. “Ja ferħ ta’ bniedem,” beda jgħidlu l-ġgant, “inti tassew b’saħħtek ħafna, imma hemm ħaġa li fiha jiena żgur ngħaddik.”
“Fiex?” staqsieh l-iskarpan. “Fl-ikel!” infexx jidħak il-ġgant.
“Jien żgur niekol ħafna ħafna aktar minnek.”

“Nagħmlu mħatra,” qabeż jgħidlu l-iskarpan.
“Tajjeb wisq,” qallu l-ġgant. “Xi trid insajru?” “Ikla ravjul!” wieġbu l-iskarpan.
“Nerġgħu niltaqgħu hawnhekk għada f’nofsinhar u nġibu magħna dak kollu li għandna bżonn.”
U hekk għamlu. L-għada, sewwa sew f’nofs inhar, il-ġgant u l-iskarpan iltaqgħu fil-bosk. Magħhom ġabu borma kbira, ir-ravjul u z-zalza u bdew isajru. Il-bosk ma damx ma mtela bir-riħa tal-ikel.
Meta kollox kien lest, firxu tvalja mal-art, qalbu l-ikel fil-platti u bdew jieklu. Imma dak l-iskarpan makakk, kien ħaseb jilbes ġlekk twil u taħtu kellu moħbija xkora tal-ġilda mdendla m’għonqu. U għal kull ravjula li jiekol, l-iskarpan beda jixħet ħamsa ġol-ixkora. Waħda jiekol u ħamsa dritt għal ġol-ixkora. Il-ġgant beda jiekol ir-ravjul sitta sitta u f’kemm trodd salib battal il-borma kollha.
“Qed tara kif kilt aktar minnek!” infexx jidħak il-ġgant.
“Le jien kilt aktar,” qabeż jgħidlu l-iskarpan.
“Le, jiena kilt l-aktar!” reġa’ l-ġgant.
“Kollox sew,” wieġbu l-iskarpan. “Mela ngħodduhom!”
“Kif jista’ jkun ngħodduhom?” berraq għajnejh il-ġgant. “La darba kilnihom issa qegħdin ġo żaqqna.”
“Dażgur li nistgħu,” qabeż l-iskarpan. “Hekk ara!” U mal-kelma, l-iskarpan kien pront ħataf sikkina, ċarrat l-ixkora tal-ġilda u r-ravjul qabeż ’il barra u tferrex mal-art.
Il-ġgant ma riedx jaqa’ għaċ-ċajt. Ħataf is-sikkina u ċarrat żaqqu! U waqa’ mejjet mal-art.
Għalkemm il-ġgant kien fih daqsiex u l-iskarpan kien biss ferħ ta’ bniedem, huwa xorta waħda rnexxielu jirbaħlu bil-ħażen ta’ moħħu!